# L-EVANĠELJU TA' SAN MATTEW

Il-kotra l-kbira tal-Insara jeħduha bħala ħaġa minnha li l-Evanġelju li ngħidulu ta' San Mattew, kitbu San Mattew ta' bil-ħaqq, u li fuq hekk ħadd ma għandu għal fejn jitħasseb. Imma kif sa naraw hawnhekk, il-ħaġa mi hix hekk ħafifa għal kollox. Hemm ħafna nies li jżommu li l-Evanġelju ta' San Mattew m'hux San Mattew kitbu, u l-fehma tagħhom imsejsa fuq argumenti li jidhru tajbin. Il-Knisja Kattolka, imma, żżomm li tas-sew San Mattew kitbu, kif ingħad minn dejjem; u s-sisien li fuqhom bniet il-fehma tagħha huma sisien sħaħ u qawwija, kif sa naraw ukoll.

Biex din-naqra ta' kitba toħroġ aktar ċara, sa nqassmuha f'ħames taqsimiet żgħar: a) Min kien San Mattew; b) Xi tgħid il-Knisja fuq l-Evanġelju tiegħu; c) X'inhu l-ordni tal-Evanġelji li żżomm il-Knisja; d) Liema huma l-eqdem xhieda li San Mattew kiteb l-Evanġelju; u e) L-Evanġelju li għandna hu, fis-sostanza, dak li kiteb huwa.

a) **Min kien San Mattew.** Kif jinsab miktub fit-tliet Evanġelji Sinottki (Mattew, Mark, Luqa), San Mattew kien Għaxxar, jiġifieri raġel li jiġbor il-għexur, jew **taxxi** fil-belt ta' Kafar-Nahum, fuq ix-xatt tal-Baħar tal-Galilija. Ix-xogħol ta' nies bħal dawn ma kienx magħġub mil-Lhud, għax min kien jaħdmu kien ikollu r-riħ li jaqa' f'kull xorta ta' ħtija. U għal hekk il-Għaxxara kienu magħduda bħala nies mill-agħar. Donnu li San Mattew ma kienx għal qalbu x-xogħol li kellu, għax malli Ġesù għajjatlu, telaq kollox u mar warajh. Ġesù għajjat lil San Mattew fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Messija, għal hekk dan l-Appostlu kien xhud ta' wisq mill-għeġubijiet li għamel u mill-ħidmiet li ħadem Ġesù ma' tul dan iż-żmien.

b) **Xi tgħid il-Knisja fuq l-Evanġelju tiegħu.** Il-Kummissjoni Biblika tal-Vatikan qatgħet li għandu jitwemmen mill-Kattolki dan li ġej (i): li l-Appostlu San Mattew huwa tas-sew il-kittieb tal-Evanġelju li hu b'ismu. (ii): li it-tradizzjoni turi ċar li San Mattew kiteb qabel l-Evanġelisti l-oħra, u kiteb bil-lsien tal-Lhud tal-Palestina. (iii): li ż-żmien li fih kitbu ma hux awħar mill-waqgħa ta' Ġerusalem fis-sena 70 wara Kristu, u aktarx qabel is-sena 60. (iv): li San Mattew ma kitibx biss ġemgħa ta' kliem ta' Ġesù, imma Evanġelju sħiħ, jiġifieri kliem u ġrajja. (v): li l-Evanġelju ta' San Mattew bil-Grieg, jeqbel fis-sostanza mal-Evanġelju bil-Lhudi li kiteb huwa.

c) **X'inhu l-ordni tal-Evanġelji li żżoomm il-Knisja.** Fil-Konċilju ta' Trento, il-Knisja Kattolka żammet dan l-ordni: 1. San Mattew; 2. San Mark; 3. San Luqa; 4. San Ġwann. U aħna nimxu fuq l-ordni Kattolku u nżommu li San Mattew jiġi l-ewwel. Issa naraw x'kienet il-fehma tal-ewwel Insara fuq dan l-Evanġelju, jiġifieri jekk kenux iqsuh bħala Evanġelju, inkella bħala ktieb storku tal-ġrajja.

F'kitba tal-ewwel żmien tal-Insara, jisimha **Didake,** ta' bejn is-snin 80 u 100 W. K., jinsab miktub: "Jeħtieġ li nitolbu kif amar il-Mulej fl-Evanġelju tiegħu (bil-Grieg: **os ekelevsen o Kyrios en to Evangelio avtou)** u wara dan miktub il-"Missierna" kif inhu f'San Mattew. Fid-**Didake** wkoll jinsab kliem mill-Evanġelju ta' San Mattew 63 darba.

San Klement ta' Ruma, bejn is-snin

82 u 101 W. K., għandu minnu, bejn twal u qosra, għaxar biċċiet. Fl-ittra ta' San Barnaba, bejn is-snin 86 u 92 W. K. jinsabu żewġt tismijiet mill-Evanġelju ta' San Mattew (waħda minnhom: **polloi kletoi, oligoi ekletoi;** ħafna imsejħin, ftit magħżulin). Sant Injazju Martri, qrib is-sena 107, fl-ittra tiegħu għandu għaxar ċitazzjonijiet minn San Mattew, qishom kollha kelma b'kelma. San Polikarpju, 70-156 W. K. isemmi l-aħħar kliem tal-"Missierna" kif inhu f'San Mattew u ħafna kliem mit-Taħdita ta' fuq il-Għolja, kif inhu f'dak l-Evanġelju. San Ġustinu Martri minn dan l-Evanġelju għandu 175 tismija, fil-kitba tiegħu. Athenagoras, fil-kitba tiegħu **Apologia Christianorum ad Marcum Aurelium,** għandu wkoll għadd ta' kliem mit-Taħdita fuq il-Għolja, li hi f'San Mattew. Minn dan li għedna jidher ċar kemm dan l-Evanġelju, ta' San Mattew, kien magħruf u meqjum mill-ewwel Insara.

d) **Liema huma l-eqdem xhieda li San Mattew kiteb l-ewwel Evanġelju.** Ta' dan ukoll għandna xhieda mill-eqdem. L-ewwel wieħed huwa Papija, Isqof ta' Hieropli, li kien ħabib ta' San Polikarpju, li kien dixxipolu ta' San Ġwann l-Evanġelista, għal hekk kien imgħarraf sewwa. Dan kiteb ktieb, issa mitluf, li kien jismu: "Tifsir fuq il-kliem tal-Mulej" (Exegesis Logion Kyriakon). F'dan il-ktieb Papija jgħid dan: **Matthaios men oun, Hebraidi dialekto ta Logia (Kyriou) sinetaxato.** Bil-Malti: "Mattew kiteb fil-lsien Għebrani it-Taħdit (tal-Mulej), Sant'Irenew jgħid: "San Mattew kiteb għal-Lhud l-Evanġelju fil-lsien tagħhom, fiż-żmien li Pietru u Pawlu kienu Ruma". Pantenu, 200 W. K. isemmi wkoll li San Mattew kiteb l-Evanġelju fil-lsien Għebrani. Origenes kiteb (snin 185-254): "Kif qalulna ta' qabilna fuq l-Evanġelji, l-ewwel wieħed hu ta' San Mattew, li kien Għaxxar u sar Appostlu. Kitbu bil-lsien Għebrani, għal-Lhud li saru Nisranin". Tertulljanu, bejn is-snin 207-212, kiteb hekk: "L-ewwel Evanġelju hu ta' San Mattew... li jibda hekk: **Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu Bin-David, Bin-Abraham......**" Ewsebju ta' Kajsarija kiteb il-fehma tiegħu hekk: "Mattew, meta kien ipprietka l-Fidi lil-Lhud, tahom l-Evanġelju miktub fil-lsien tagħhom, qabel ma mar għand ġnus oħra". San Ġlormu, snin 360-400, kiteb: "Mattew, li minn Għaxxar sar Appostlu, kiteb bil-lsien Għebrani l-ewwel Evanġelju għan-nies tal-Lhudija".

Barra mix-xhiediet esterni li semmejna, hemm ukoll xhiediet interni, li hawn se nsemmu tnejn minnhom biss. L-ewwel: l-Evanġelju ta' San Mattew inkiteb qabel is-sena 70. Dan jidher għax il-waqgħa ta' Ġerusalem, f'dak l-Evanġelju tinsab imħawda mal-ġrajja tal-aħħar tad-dinja. Kieku nkiteb wara s-70, din it-taħwida ma kenitx issir. It-tieni: min kiteb l-Evanġelju kien Lhudi tal-Palestina. Dan jidher għax jaf tajjeb wisq il-għadiet politki u reliġjużi u l-ġeografija tal-Palestina ta' żmien Kristu. Jidħol fi rqaqat meta jsemmi kbarat Lhud u nħawi ta' dik l-art li ma jistax jafhom ħlief min trabba fihom.

e) **L-Evanġelju ta' San Mattew li għandna l-lum hu, tal-inqas fis-sostanza, xorta waħda bħal dak li nkiteb l-ewwel.** Din il-ħaġa hija l-qofol ta' dak li għidna qabel, imma qabel ma nifluha, jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna l-**għan** ta' dan l-Evanġelju, u l-**lsien** ewlieni li bih inkiteb.

Il-għan ewlieni ta' l-Evanġelju ta' San Mattew, hu li juri li l-profeziji li l-Lhud kienu jaqraw fil-kotba tar-Rabta l-Qadima seħħew fi Kristu, għal hekk

Kristu kien il-Messija li huma kienu jistennew. Il-lsien ewlieni li bih inkiteb kien l-Arami, jew Għebrani tal-Palestina. Dan l-Evanġelju bil-lsien ewlieni ntilef meta l-Insara Lhud xterdu ma' tul iż-żewġ gwerer, l-ewwel ta' Titu bin Vespasjanu fis-sena 70 u mbagħad ta' Xmun bar-Kokba, fis-snin 132-5.

Il-lum hawn nies ta' skola li jżommu li l-Evanġelju ta' San Mattew kien miktub mill-ewwel bil-Grieg. Għax daqs kemm hu miktub bi Grieg tajjeb, ma jistax ikun maqlub minn lingwa Semija. Imma dan l-argument m'għanddux saħħa. Għax dan kien jiġri wkoll kieku min qaleb l-Evanġelju kien jaf tajjeb l-Grieg. Jgħidu wkoll li l-kliem tal-Għaqda l-Qadima li fih dan l-Evanġelju meħud mill-Bibbja Griega ta' Lixandra, mhux mill-Bibbja l-Lhudija tal-Palestina. Imma anqas dan l-argument ma jorbot, għax ma tistax taf min kien li qaleb l-Evanġelju mill-Arami għall-Grieg. Sata' kien Lhudi-Nisrani tad-Dijaspora, għal hekk kien isemmi l-kliem tal-Bibbja li kien jaf hu. Jgħidu wkoll li kieku kien miktub bl-Għebrani, ma kienx hemm għal fejn il-kittieb ifisser li l-kelma "qorban" tfisser "għotja", u "Golgota" tfisser "ras ta' mewt". Imma dan it-tifsir jinsab fl-Evanġelju kif inhu issa, bil-Grieg, u ma tistax tgħid li kien hekk minn dejjem. Sata' għamlu min qalbu għal Grieg. Ara kemm hu hekk, li kelma minnhom nesa jfissirha. Fit-Taqsima I v. 21 miktub li l-Anġlu qal lil San Ġużepp "Mirjam sa jkollha tifel, li għandek issemmih Ġesù (Jexugħ) għax **jeħles** lil niesu minn ħtijiethom". La darba l-kittieb ma fissirx li **Ġesù** tfisser **Ħellies** jidher ċar li kien jaf li l-qarrejja kienu jafu xi tfisser, għax kienu Lhud u l-Evanġelju kien miktub bil-lsien tagħhom. Mela l-Evanġelju ta' San Mattew l-ewlieni kien miktub bl-Arami mhux bil-Grieg.

Nieqfu hawn biex ma niġbdux fit-tul wisq. Imma għad baqa' tifsir ieħor fuq dan l-Evanġelju, li jekk il-Bambin irid, jista' jkun li niktbuh xi darba oħra 'l quddiem.

D. FORTUNAT MIZZI

---

# ~~GĦID IL-MILIED FIL-GĦAR TA' BETLEHEM~~

~~Il-Milied minnu nnifsu, fil-qalb iġib il-hena, bħal ma ħabbru l-Anġli lir-ragħajja fl-Ewwel Milied: "Sebħ lil Alla fis-smewwiet, u sliem fl-art lin-nies ta' rieda tajba". Kull nisrani ta' qalb safja ma jistax f'jum il-Milied ma jħossx ferħ u hena ġewwa ruħu. Iħossuhom ħenjin dawk li jgħaddu l-lejl fil-knisja, jitgħaxxqu bil-ħlewwa tal-kant u bil-ġmiel tal-funzjonijiet. Imma qatt ebda bniedem ma jħoss ferħ hekk kbir u hena daqs min igħaddi lejl il-Milied f'Betlehem l-imkien sewwa fejn xi elfejn sena ilu twieled għalina Ġesù. U jien li sitt snin ilu għaddejt il-Milied f'Betlehem sa nikteb fil-qosor kif isiru l-funzjonijiet hemmhekk.~~

### ~~Lejn Betlehem~~

~~Kien mela, lejlet il-Milied filgħodu, meta r-rajjes tal-Kulleġġ Bibliku ta' Ġerusalem, fejn jien dak iż-żmien kont qiegħed, resaq fuqi u tani l-aħbar li jien kont magħżul biex nagħmilha ta' ministru fil-funzjonijiet tal-Milied ġewwa Betlehem. Għal dik l-aħbar ħassejt bħal dehxa ta' ferħ fija, u għaġġilt lejn kamarti u mlejt bagalja żgħira bil-meħ-~~